



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.3.2014
SWD(2014) 117 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar l-installazzjonijiet tal-funikular iddisinjati għat-trasport ta' persuni u li jħassar id-
Direttiva 2000/9/KE dwar l-installazzjonijiet tal-funikular iddisinjati għat-trasport ta'
persuni**

{COM(2014) 187 final}
{SWD(2014) 116 final}

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-installazzjonijiet tal-funikular iddisinjati għat-trasport ta' persuni u li jħassar id-Direttiva 2000/9/KE dwar l-installazzjonijiet tal-funikular iddisinjati għat-trasport ta' persuni

Ċaħda ta' Responsabbiltà: Dan is-sommarju eżekuttiv jikkommetti biss lis-servizzi tal-Kummissjoni involuti fit-tħejjija tiegħu u ma jippreġudikax il-forma finali ta' kwalunkwe deċiżjoni li għandha tittieħed mill-Kummissjoni.

1. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

Filwaqt li ġeneralment huwa rikonoxxut li d-Direttiva dwar il-funikulari kisbet b'suċċess il-miri tagħha, l-esperjenza miksuba matul l-10 snin tal-implimentazzjoni tad-direttiva ppermettiet li jiġu identifikati xi aspetti li għandhom jiġu mtejbja. Abbażi tal-mekkaniżmi tar-rispons mill-Istati Membri u l-partijiet interessati settorjali, ġew identifikati l-problemi li ġejjin:

Problema 1: Diffikultà biex jiġu identifikati b'mod ċar ċerti installazzjonijiet bħala funikulari

Hemm interpretazzjoni u prattiki differenti fosti l-awtoritajiet responsabbli fl-UE, il-manifatturi u l-korpi nnotifikati, b'mod partikolari fir-rigward ta' żewġ tipi ta' installazzjonijiet:

- L-installazzjonijiet li għandhom kemm finijiet ta' trasport kif ukoll ta' divertiment: id-Direttiva dwar il-funikulari teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha "it-tagħmir għall-użu fil-lunaparks jew il-parks tad-divertiment, għal finijiet ta' divertiment". Madankollu, hemm tip ġdid ta' tagħmir fis-suq li ġie ddisinjat għal finijiet ta' divertiment iżda li jservi wkoll bħala mezz ta' trasport

- Funikulari żgħar u liftijiet inklinati: fil-prattika d-distinzjoni bejn dawn l-installazzjonijiet kienet waħda diffiċli, peress li l-liftijiet inklinati jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Liftijiet 95/16/KE, u l-funikulari żgħar huma soġġetti għad-Direttiva dwar il-funikulari, u konsegwentement jikkonformaw ma' rekwiżiti essenzjali differenti.

Il-manifatturi jew l-operaturi ta' xi installazzjonijiet ġarrbu spejjeż żejda minħabba l-ħtieġa li jimmodifikaw b'mod retroattiv l-installazzjonijiet u jagħmluhom konformi mad-direttiva dwar il-funikulari. L-awtoritajiet u l-korpi nnotifikati madwar l-Ewropa kollha applikaw approċċi diverġenti, li jwasslu għal trattament differenti tal-manifatturi u d-distorsjonijiet fis-suq.

Problema 2: Distinzjoni bejn il-komponenti tas-sigurtà, is-sottosistemi u l-infrastrutturi

Id-Direttiva dwar il-Funikulari hija bbażata fuq distinzjoni bejn il-komponenti tas-sigurtà, is-sottosistemi, l-infrastruttura u l-installazzjonijiet; iżda din id-distinzjoni mhux minn dejjem kienet ċara.

Il-komponenti tas-sigurtà u s-sottosistemi huma soġġetti għar-regoli dwar il-moviment liberu tal-merkanzija u għal dak il-għan huma sottomessi għall-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità tal-KE u d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE. Min-naħa l-oħra, l-installazzjonijiet għadhom jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri u f'dan ir-rigward huma soġġetti għal skema ta' awtorizzazzjoni speċifika. Barra minn hekk, l-infrastruttura wkoll mhijiex soġġetta għall-moviment liberu u jista' jkollha tiġi ttestjata f'diversi Stati Membri.

Problema 3: Proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità għas-sottosistemi

Id-Direttiva dwar il-Funikulari ma tipprevedix modulu speċifiku ta' valutazzjoni tal-konformità għas-sottosistemi. L-Anness VII jitlob li l-korpi nnotifikati jivverifikaw is-sottosistemi iżda ma jagħti ebda indikazzjoni dwar kif għandhom jagħmlu dan. Dik is-sitwazzjoni wasslet għal xi interpretazzjoni u implimentazzjoni diverġenti tal-evalwazzjoni tal-konformità tas-sottosistemi li tista' twassal għal inċertezza legali u distorsjonijiet fis-suq.

Problema 4: Allinjament tad-Direttiva dwar il-Funikulari mal-Qafas Leġiżlattiv il-Ġdid

L-allinjament tad-Direttiva dwar il-Funikulari mal-NLF iseħħ fid-dawl tal-impenn politiku stabbilit fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni NLF.

Ħafna mill-problemi orizzontali ġenerali identifikati mill-NLF ġew osservati wkoll fil-kuntest tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Funikulari 2000/9/KE

Fil-proċess ta' konsultazzjoni, il-partijiet interessati kienu fil-biċċa l-kbira favur l-allinjament.

Ħtieġa ta' intervent pubbliku

L-aspetti indirizzati fil-kuntest ta' din l-inizjattiva huma diġà rregolati mid-Direttiva dwar il-Funikulari 2000/9/KE. Madankollu, din il-leġiżlazzjoni ma tindirizzax il-problemi identifikati b'mod effettiv daqs kemm hu mixtieq. Il-ġustifikazzjoni ewlenija għall-azzjoni hija li tiġi żgurata ċertezza legali u l-allinjament mal-NLF għad-Direttiva dwar il-Funikulari u l-partijiet interessati settorjali.

2. ANALIŻI TAS-SUSSIDJARJETÀ

Din l-inizjattiva tikkonċerna l-funzjonament xieraq u effettiv tas-suq intern għall-prodotti fil-qasam tal-installazzjonijiet tal-funikulari ddisinjati għat-trasport ta' persuni. L-azzjoni tal-UE f'dan il-qasam hija bbażata fuq l-Artikolu 114 tat-TFUE. Azzjoni fuq il-livell tal-UE tipprevjeni l-introduzzjoni ta' regolamenti ġodda u varji li jirriżultaw fil-frammentazzjoni tas-suq intern.

Jekk l-azzjonijiet biex jiġu indirizzati l-problemi jittieħdu fil-livell nazzjonali, dawn jistgħu joħolqu ostakoli għall-moviment liberu ta' Prodotti tal-Funikulari (komponenti tas-sigurtà u sottosistemi). Id-diverġenza fl-approċċi meħuda mill-awtoritajiet jew mill-korpi nnotifikati diġà wasslet għal trattament mhux uguali tal-operaturi ekonomiċi.

3. MIRI

Il-mira ewlenija tal-inizjattiva hija li ttejjeb il-funzjonament tas-suq intern, billi fl-istess ħin tiżgura livell għoli ta' sigurtà, u li tilħaq kundizzjonijiet ekwi ġusti għall-operaturi ekonomiċi tal-Funikulari. Mira importanti oħra hija s-simplifikazzjoni, billi tiċċara xi kunċetti u definizzjonijiet ewlenin li huma inklużi fit-test legali, u b'hekk tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni konsistenti tiegħu.

It-tabella li ġejja tippreżenta l-miri speċifiċi u operattivi tal-inizjattiva għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Funikulari relatata mal-miri ta' politika ġenerali indikati hawn fuq.

ĠENERALI	SPEĊIFIĊI	OPERATTIVI
Tiġi protetta aħjar is-saħħa u s-sigurtà tal-utenti Jintlaħqu kundizzjonijiet ekwi ġusti għall-operaturi ekonomiċi tal-Funikulari u jiġi żgurat il-moviment liberu ta' oġġetti	Tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa u uniformi tad-Direttiva dwar il-Funikulari Tiġi żgurata ċ-ċarezza tal-leġiżlazzjoni u l-applikazzjoni konsistenti tagħha permezz tal-UE Tiġi żgurata l-konsistenza u l-flessibbiltà tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità għall-prodotti kollha li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Funikulari Jiġi ssimplifikat l-ambjent	Jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, id-definizzjonijiet u l-konfini ma' direttivi oħra (bħal Liftingiet 95/16/KE) Tiġi ċċarata l-identifikazzjoni u d-distinzjoni bejn il-komponenti tas-sigurtà, is-sottosistemi u l-infrastruttura Tiġi pprovduta aktar konsistenza f'konformità mal-proċeduri ta' valutazzjoni għas-sottosistemi

	regolatorju Ewropew fil-qasam tal-installazzjonijiet tal-funikulari ddisinjati għat-trasport ta' persuni.	
--	---	--

4. GĦAŻLIET TA' POLITIKA

Ġew ikkunsidrati tliet għażliet ta' politika alternattivi, jiġifieri:

- li "Ma jsir xejn" bħala l-għażla bażi;
- l-għażla ta' "liġi mhux vinkolanti" bħala alternattiva mhux leġislattiva, li tikkonsisti fl-emenda tat-taqsimiet rilevanti tal-Gwida dwar l-Applikazzjoni għad-Direttiva dwar il-Funikulari; u
- l-għażla ta' "Miżura leġislattiva", li tikkonsisti fl-emenda ta' partijiet speċifiċi mit-test legali tad-Direttiva dwar il-Funikulari.

L-analiżi tal-impatti tal-għażliet ta' politika ta' hawn fuq twettqet b'mod separat għal kull wiehied mill-oqsma ta' titjib identifikati billi jiġi applikat approċċ pass b'pass. L-għażliet ta' politika għal kull problema kienu soġġetti għal analiżi kwalitattiva separata, ikkumplementata minn informazzjoni aktar iddettaljata li ġiet ipprovduta permezz tal-"Istudju tal-Valutazzjoni tal-Impatt li Jikkonċerna r-Reviżjoni tad-Direttiva 2000/9/KE dwar l-Installazzjonijiet tal-Funikulari Iddisinjati għat-Trasport ta' Persuni".

5. VALUTAZZJONI TAL-IMPATTI

Ġew identifikati impatti aktar rilevanti fil-qasam ekonomiku. Fil-qasam soċjali, xi benefiċċji huma mfissra minn perspettiva kwalitattiva. Mhuwa mistenni ebda impatt ambjentali.

Il-valutazzjoni ta' kull bidla proposta hija bbażata fuq il-kostijiet u l-benefiċċji, fejn dawn tal-aħħar jinkludu t-titjib fiċ-ċertezza legali u kundizzjonijiet ekwi ġusti għall-industrija.

L-impatti soċjali ġew ivvalutati fir-rigward ta':

- Is-saħħa u s-sigurtà pubblika
 - L-impjiegi u s-swieq tax-xogħol

L-impatti soċjali jikkonsistu prinċipalment f'benefiċċji għas-saħħa u s-sigurtà tal-utenti tal-installazzjonijiet tal-funikulari. Il-bidliet proposti huma maħsuba biex itejbu l-applikazzjoni Prattika tad-Direttiva. Huwa preżunt li billi tinholq ċertezza legali u billi jiġu speċifikati aħjar l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi, permezz tal-allinjament mal-NLF, ser jitjiebu l-livell ta' sigurtà u l-kwalità tal-installazzjonijiet tal-funikulari. Bħala riżultat, huwa anqas probabbli li jkun hemm inċidenti jew korrimenti. Madankollu, ma kienx possibbli li jitfissru l-benefiċċji minn perspettiva kwalitattiva.

L-ebda waħda mill-għażliet mhija mistennija li jkollha impatt fuq l-impjiegi fis-settur.

L-impatti ekonomiċi ġew ivvalutati fir-rigward ta':

- Il-funzjonament tas-Suq Intern u l-kompetizzjoni
- Il-kompetittività, il-kummerċ u l-flussi ta' investiment
- L-ispejjeż operatorji u t-tmexxija tan-negozji/SMEs
- Il-piżijiet amministrattivi fuq in-negozji

- L-Awtoritajiet Pubbliċi
- L-innovazzjoni u r-riċerka

Fir-rigward tal-kjarifiki fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u l-implimentazzjoni ta' proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità speċifika għas-sottosistemi, ma għandux ikun hemm spejjeż addizzjonali, peress li l-bidliet ser jipprovdu ċertezza legali għas-sitwazzjoni attwali. L-istess prodotti diġà jitqiesu fil-preżent li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva; għalhekk l-ispejjeż ikunu jridu jitħallsu biss minn daww il-manifatturi li bi żball ma applikawx id-Direttiva dwar il-Funikulari. F'dan il-kuntest, għandu jiġi indikat li l-ispejjeż ta' konformità mad-Direttiva dwar il-Funikulari huma oġġa milli kieku l-prodott ma kellux jiżgura din il-konformità. Min-naħa l-oħra, il-kjarifika tal-kamp ta' applikazzjoni u l-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità għall-manifatturi tkun ta' benefiċċju għall-manifatturi, l-operaturi u l-awtoritajiet nazzjonali, bħala riżultat li tiġi evitata l-possibbiltà ta' żbalji fil-konformità, il-valutazzjoni tal-konformità u ċ-ċertifikazzjoni.

6. TQABBIL TAL-GĦAŻLIET

L-għażliet ippreferuti huma magħżula fuq il-bażi tal-analiżi u l-valutazzjoni tal-għażliet ta' politika rilevanti, filwaqt li jitqiesu l-impatti ekonomiċi u l-livell oġġa ta' benefiċċji soċjali f'termini ta' saħħa u sigurtà tal-utenti tal-installazzjonijiet tal-funikulari, permezz tat-titjib fiċ-ċertezza legali u l-applikazzjoni tad-Direttiva.

Għall-bidliet proposti, l-għażliet ippreferuti huma taħlit ta' "Liġi mhux vinkolanti" ma' "Miżuri leġislattivi".

Kull impatt huwa vvalutat skont l-iskala li ġejja:

- ++ impatti pożittiv sinifikanti
- + impatti pożittiv minuri
- 0 l-ebda impatt / linja bażi
- impatt negattiv minuri
- impatt negattiv sinifikanti

L-għażliet ippreferuti għal kull bidla proposta huma enfasizzati bil-kulur griż.

	Effikaċja	Effiċjenza spejjeż benefiċċji		Koerenza
Kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva				
1. Ma jsir xejn (linja bażi)	0	0	0	0
2. “Liġi mhux vinkolanti” (l-emenda tal-Gwida għall-Aplikazzjoni)	+ L-implimentazzjoni xierqa u uniformi tad-Direttiva dwar il-Funikulari ser tiġi promossa iżda mhux ser twassal biex is-sitwazzjonijiet legali mhux ċari jispiċċaw għal kollox.	0 Mhumiex previsti spejjeż addizzjonali. Il-kjarifiki jiddikjaraw l-interpretazzjoni korretta tal-liġi attwali.	+ Jistgħu jkunu mistennija benefiċċji jekk tal-anqas parti mill-manifatturi involuti jiksbu għarfien u jħarsu d-dispożizzjonijiet tal-Gwida għall-	+ Il-progress fl-implimentazzjoni uniformi tad-Direttiva dwar il-Funikulari ser jikkontribwixxi għal regolamentazzjoni aħjar u l-Att dwar is-Suq Uniku, minkejja

			Applikazzjoni. Inċertezza partikolari li tinvolvi l-approċċ tal-liġi mhux vinkolanti relatata mal-fatt li hija prinċipalment indirizzata lill-manifatturi tal-liftijiet.	r-riskju li jistgħu jinħolqu sitwazzjonijiet legali mhux ċari fil-futur.
3. Miżura leġislattiva (li temenda d-Direttiva)	++ L-applikazzjoni xierqa, uniformi u konsistenti tad-Direttiva dwar il-Funikulari tiġi żgurata bil-miżura leġislattiva għall-kamp ta' applikazzjoni limitat li tkopri.	0 Ma ġewx identifikati spejjeż addizzjonali. Bħal fl-għażla ta' qabel, hija kjarifika ta' rekwiżit legali eżistenti.	++ Titjib sinifikanti fiċ-ċertezza legali għall-manifatturi. Tiġi evitata valutazzjoni ħażina dwar liema rekwiżiti legali għandhom jiġu mħarsa.	++ Is-sitwazzjoni legali ċara tikkontribwixxi għal regolamentazzjoni aħjar u l-Att dwar is-Suq Uniku.
Il-komponenti tas-sigurtà, is-sottosistemi, l-infrastrutturi u l-installazzjonijiet				
1. Ma jsir xejn (linja bażi)	0	0	0	0
2. "Liġi mhux vinkolanti" (l-emenda tal-Gwida għall-Aplikazzjoni)	++ Liġi mhux vinkolanti tipprovdi gwida flessibbli, tevita dispożizzjonijiet wisq preskrittivi li jistgħu jirriżultaw minn soluzzjoni leġislattiva f'dan il-każ. Miri speċifiċi ta' applikazzjoni xierqa u uniformi tad-Direttiva dwar il-Funikulari jintlaħqu aħjar mill-għażla tal-liġi mhux vinkolanti.	0 Ma ġewx identifikati spejjeż addizzjonali li jirriżultaw minn approċċ b'liġi mhux vinkolanti.	++ Huwa mistenni li jkun hemm benefiċċji peress li tkun disponibbli għodda biex jiġu ċċarati d-dispożizzjonijiet applikabbli għall-manifatturi, il-korpi nnotifikati u l-amministrazzjonijiet pubbliċi. L-iżbalji u l-ispejjeż involuti, fil-klassifikazzjoni tal-prodotti huma mistennija li jitnaqqsu.	++ Il-kjarifika pprovduta fil-Gwida għall-Aplikazzjoni ttejjeg implimentazzjoni konsenswali tal-leġislazzjoni, li b'hekk tagħti kontribut pożittiv għal regolamentazzjoni aħjar u l-Att dwar is-Suq Uniku. Madankollu, ma tiggarrantixx li s-sitwazzjonijiet legali mhux ċari ser jispiċċaw għal kollox.
3. Miżura leġislattiva (li temenda d-Direttiva)	0 Fil-prinċipju, miżura leġislattiva tipprovdi applikazzjoni aktar tajba u uniformi tad-Direttiva dwar il-Funikulari. Madankollu, id-diskussjonijiet fil-gruppi ta' ħidma u l-proċess ta' konsultazzjoni ma pprovdewx test legali ċar li jevita	-- Hemm riskji assoċjati ma' spejjeż ogħla minn għażla leġislattiva, inkluż għall-innovazzjoni.	0 Ma ġewx identifikati benefiċċji b'mod ċar, sakemm mhuwiex preżunt li test legali ċar, jekk ikun disponibbli, itejjeb il-prevedibbiltà għall-manifatturi.	0 Meta jitqiesu l-mistoqsijiet imqajma dwar id-disponibbiltà ta' soluzzjoni leġislattiva xierqa, hemm dubju jekk din is-soluzzjoni tistax tipprovdi kontribut pożittiv għal regolamentazzjoni aħjar jew l-Att dwar is-Suq Uniku.

	interpretazzjoni oħra fil-futur.			
Proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità għas-sottosistemi				
1. Ma jsir xejn (linja bażi)	0	0	0	0
2. "Liġi mhux vinkolanti" (l-emenda tal-Gwida għall-Applikazzjoni)	+ Il-promozzjoni tal-moduli ta' valutazzjoni tal-konformità fil-Gwida għall-Applikazzjoni tista' tikkontribwixxi biex parzjalment tissodisfa l-konsistenza f'dan il-qasam. Madankollu, dan l-approċċ mhuwiex fundamentalment differenti meta mqabbel mas-sitwazzjoni attwali. Il-moduli huma magħrufa sew iżda l-problemi identifikati xorta baqgħu hemm.	0 Fil-preżent, diġà hija meħtieġa proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità, b'hekk l-ispejjeż addizzjonali ma għandhomx ikunu sinifikanti.	0 Hemm dubju jekk jinħolqux benefiċċji minn din l-għażla. Id-disponibbiltà attwali ta' moduli ma tippermettix li jkun hemm sitwazzjoni kompletament prevedibbli għall-manifatturi.	0 Il-kontribuzzjonijiet għal regolamentazzjoni aħjar u l-Att dwar is-Suq Uniku mhumix ċari peress li l-impatt ta' għażla ta' liġi mhux vinkolanti hija meqjusa bħala limitata ħafna.
3. Miżura leġiżlattiva (li temenda d-Direttiva)	++ Il-kunsiderazzjoni tal-moduli għall-valutazzjoni tal-konformità fil-liġi, bħalma jsejnh normalment għall-prodotti li jaqgħu taħt il-leġiżlazzjoni tal-approċċ il-ġdid, ser tagħti konsistenza fl-użu tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità fl-UE. Il-miri speċifiċi ser jintlaħqu b'mod sħiħ.	0 Fil-preżent, diġà hija meħtieġa proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità, b'hekk l-ispejjeż addizzjonali ma għandhomx ikunu sinifikanti.	++ Ser jintlaħaq titjib sinifikanti fiċ-ċertezza legali u l-previdibbiltà għall-manifatturi.	++ Din l-għażla tipprovdi sitwazzjoni legali ċara. Ser tikkontribwixxi għal regolamentazzjoni aħjar u l-Att dwar is-Suq Uniku.

L-għażla tal-istrument legali:

F'konformità mal-politika tal-Kummissjoni biex tissimplifika l-ambjent regolatorju, huwa propost li d-Direttiva tinbidel f'Regolament. Id-Direttiva attwali timponi regoli ċari u ddettaljati li ser ikunu applikabbli b'mod uniformi madwar l-Unjoni kollha. Għalhekk, din tista' tinbidel faċilment f'Regolament. Din il-bidla ser tevita l-ispejjeż għall-Istati Membri assoċjati mat-traspożizzjoni ta' Direttiva. Barra minn hekk, ser tippermetti applikazzjoni aktar rapida tal-leġiżlazzjoni l-ġdida u ser tgħin lill-operaturi ekonomiċi jwettqu n-negozju tagħhom peress li ser ikollhom jittrattaw ma' strument regolatorju wieħed minflok 28 liġi nazzjonali li jittrasponu Direttiva.

7. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

L-evalwazzjoni tal-effettività tal-leġislazzjoni ser tkompli tkun ibbażata fuq ir-rispons irċevut permezz tad-diversi mekkaniżmi ta' komunikazzjoni u kooperazzjoni li huma diġà stabbiliti fi ħdan il-qafas tad-Direttiva dwar il-Funikulari, jiġifieri:

- Il-Kumitat Permanenti Konsultattiv dwar il-Funikulari (CSC) u l-Grupp ta' Ħidma tal-Esperti dwar il-Funikulari (CWG);
- Il-Grupp ta' Kooperazzjoni Amministrattiva għas-Sorveljanza tas-Swieq tal-Istati Membri għall-Funikulari (AdCo tal-Funikulari);
- Il-Grupp Settorjali għall-Installazzjonijiet tal-Funikulari (CSG) tal-Koordinazzjoni Ewropea tal-Korpi Nnotifikati;
- Il-Kumitat Tekniku 242 dwar ir-Rekwiżiti tas-sigurtà għat-trasport tal-passiġġieri bil-ħabel tal-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN/TC 242).

Ser jinkiseb rispons addizzjonali mill-mekkaniżmi l-ġodda jew estiżi ta' kooperazzjoni u ta' skambju ta' informazzjoni previsti fir-Regolament NLF 765/2008.

Il-monitoraġġ tal-livell ta' konformità ser ikun possibbli permezz tal-indikaturi li ġejjin:

- numru ta' prodotti vverifikati;
- numru ta' prodotti mhux konformi fost dawk ivverifikati;
- tip ta' nuqqas ta' konformità misjuba.

Dawn l-indikaturi ta' infurzar ser ikunu bbażati fuq l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq permezz ta':

- is-sistema RAPEX;
- database ġenerali stabbilita skont l-Artikolu 23 tar-Regolament NLF 765/2008 għall-iskambju tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq u l-prodotti mhux konformi (ICSMS);
- il-proċeduri ta' notifika tal-klawżola ta' salvagwardja.

In-nuqqas ta' konformità ser ikun jista' jiġi skopert ukoll permezz tal-ilmenti indirizzati lill-Kummissjoni.

F'konformità mal-politika ta' "Regolamentazzjoni intelliġenti", il-Kummissjoni ser tevalwa l-effettività tar-Regolament dwar il-Funikulari fi żmien 5 snin sa massimu ta' 10 snin wara d-data ta' applikazzjoni tar-Regolament, billi tibbaża ruħha fuq ir-rispons miksub mill-mekkaniżmi stabbiliti hawn fuq.